



Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9925/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0042(COD)**

**CLIMA 256
ENV 583
TRANS 210
MI 461
CODEC 975**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6539/23 + ADD 1 - COM(2023) 88 final + Annex
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Bil-ħsieb tal-Kunsill (Ambjent) tal-20 ta' Ġunju 2023, fl-Anness jinsab dokument ta' informazzjoni mill-Presidenza b'mistoqsijiet lill-Ministri dwar il-proposta.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden iqis in-nota ta' spjegazzjoni u l-mistoqsijiet u jibgħathom lill-Kunsill.

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni
tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta'
rapportar, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956**

Dibattitu ta' orjentazzjoni

- Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri -

Il-liġi Ewropea dwar il-Klima timpenja lill-UE biex tilħaq newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, bil-mira intermedja ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 55% sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Fl-14 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal regolament bi standards imsaħħa ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty, imfasslin biex jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi tal-Unjoni u għall-impenn li tintlaħaq newtralità klimatika sal-2050

Ir-regolament dwar l-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet ta' CO₂ u jħaffef l-introduzzjoni u s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta Ewropea ta' vetturi heavy-duty, filwaqt li jiżgura li l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur jiġu żgurati u msaħħa. Vetturi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-operaturi tat-trasport permezz ta' tnaqqis fl-ispejjeż totali tas-sjieda ta' tali vetturi, u fl-aħħar mill-aħħar għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi. Dan jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija.

Is-settur tal-vetturi heavy-duty huwa responsabbli għal aktar minn kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq fl-UE u għal aktar minn 6% tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE. Standards imsaħħa tal-emissjonijiet tas-CO₂ ser jappoġġaw il-kontribut tal-Istati Membri għall-miri vinkolanti tat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont ir-reviżjoni adottata dan l-aħħar tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Barra minn hekk, it-trasport huwa responsabbli għal aktar minn żewġ terzi tal-emissjonijiet kollha ta' NO_x u proporzjon sinifikanti tal-ammont totali ta' emissjonijiet ta' sustanzi oħra li jniġġsu l-arja. Standards tas-CO₂ aktar stretti u sehem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet zero fil-flotta ta' vetturi heavy-duty tal-UE ser ikunu importanti għal arja aktar nadifa, u b'hekk jikkontribwixxu għall-istandards imsaħħa tal-kwalità tal-arja kif proposti fid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja. Il-proposta hija wkoll ta' rilevanza għar-Regolament Euro 7 li qed jiġi nnegozjat bħalissa.

Sitwazzjoni attwali fil-Kunsill

L-emenda proposta tar-regolament dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġiet diskussa f'ħames laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent taħt il-Presidenza Żvediża, u kkonkludiet l-ewwel qari sħiħ tal-proposta. L-eżami tal-proposta b'hekk għadu għaddej, u diversi Stati Membri għadhom qed jiskrutinizzaw il-proposta. Madankollu, abbażi ta' kummenti preliminari, filwaqt li l-Istati Membri indikaw appoġġ inizjali għall-oġettiv ġenerali tal-proposta, il-fehmiet ivarjaw, partikolarment dwar il-livell ta' ambizzjoni.

Suġġetti għad-diskussjoni

Biex tipprovi gwida biex il-proposta tiġi eżaminata aktar, il-Presidenza tissuġġerixxi li l-kwistjonijiet li ġejjin jiġu indirizzati mill-Ministri.

Kamp ta' applikazzjoni tal-miri tal-emissjonijiet

Il-Kummissjoni tipproponi li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-miri tal-emissjonijiet fir-regolament attwali, biex jinkludi t-trejlers, il-karozzi tal-linja urbani, il-kowċis, u trakkijiet oħra. Vetturi mfassla u mibnija jew adattati għall-użu mill-protezzjoni ċivili, is-servizzi tat-tifi tan-nar u forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku mhumieq suġġetti għall-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂. Lanqas ma huma suġġetti trakkijiet żgħar (3.5 – 5 tonnelli), vetturi bi skop speċjali, vetturi off-road bi skop speċjali u vetturi vokazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jeskludu sehem limitat ta' karozzi tal-linja urbani minħabba ċertu morfoloġija territorjali jew ċirkostanzi meteoroloġiċi. Is-sehem ta' vetturi potenzjalment eżentati fil-flotta totali ta' vetturi heavy-duty huwa stmat li hu ta' 14,9% iżda 4,2% biss tal-emissjonijiet totali ta' CO₂ mis-settur. Qed tiġi introdotta wkoll eżenzjoni għall-manifatturi li jipproduċu inqas minn 100 vettura.

Miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

Il-livelli fil-mira jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri stipulati fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima u l-għan li jinkiseb tnaqqis totali fl-emissjonijiet tat-trasport ta' 90% sal-2050 meta mqabbel mal-1990. Huwa propost li jinżammu l-livelli fil-mira għall-2025 (15%) għall-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni attwali tar-regolament. Mill-2030, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda fi tliet stadji sal-2040.

- il-mira ġenerali għall-2030 tiżdied għal 45%, estiża għal dawg il-vetturi li hu propost li jiżdiedu mal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament,
- mill-2035, il-mira proposta hija ta' 65% u
- mill-2040, 90%.

Is-sehem ta' karożżi tal-linja urbani ġodda b'emissjonijiet żero għandu jkun ta' 100% sal-2030.

Mistoqsijiet lill-Ministri

Il-Presidenta tistieden lill-ministri jirriflettu fuq iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

Tqis li l-livelli fil-mira proposti huma xierqa fil-kuntest tal-miri klimatiċi tal-Unjoni u tal-oġġettiv ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, filwaqt li tinżamm u tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE?

Tqis li l-kamp ta' applikazzjoni u l-flessibbiltajiet proposti huma xierqa?